Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 28/10**
Il-Lussemburgu, 15 ta' Marzu 2010

Stampa u Informazzjoni

Seduta Solenni tal-Qorti Ġenerali

## Seduta solenni ta' eloġju funebri fil-memorja ta' Hans Jung, exreġistratur tal-Qorti tal-Prim'Istanza

Illum, fin-12:30, fl-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, inżammet seduta solenni ta' eloġju funebri fil-memorja ta' Hans Jung, exreġistratur tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li miet fis-26 ta' Settembru 2009.

Imwieled fl-1944, Hans Jung kien assistent, imbgħad assistent professur fil-Fakultà tal-Liġi ta' Berlin u avukat fi Frankfurt. Sussegwentement, fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej huwa okkupa suċċessivament il-funzjonijiet ta' ġurista lingwista mill-1 ta' Awwissu 1976 sat-30 ta' Ġunju 1978, ta' référendaire mill-1 ta' Lulju 1978 sal-31 ta' Ottubru 1986, ta' assistent reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja mill-1 ta' Novembru 1986 sas-26 ta' Settembru 1989, qabel ma ġie elett reġistratur tal-Qorti tal-Prim'Istanza mis-10 ta' Ottubru 1989 sas-5 ta' Ottubru 2005.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-media, li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.*

*Persuna ta' kuntatt: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*